OMELIJA

# Kappella tal-Midalja Mirakuluża,

## Blata l-Bajda - 09.06.07

**Il-Familja Karmelitana madwar il-fdaliejiet qaddisa ta' Dun Ġorġ Preca.**

*Mill-Wisq Rev. P. Victor Mallia*
*Provinċjal tal-Karmelitani Skalzi (Terzjani)*



Ktieb imsejjaħ IS-SAKRARJU:

*Oh! X'rikreazzjoni tassew utli, tassew pjaċevoli u ħelwa,*
*kien isib Patri Franku quddiem Ġesù Sagramentat!*

Rikreazzjoni = Kontemplazzjoni... li tindika l-intimità li dun Ġorġ kellu ma' Kristu.

1. Smajna ħafna fuq Dun Ġorġ / Uħud minnha jafuh jew għad għandhom tifkiriet ħajjin u ħelwin tiegħu.

2. Sa nieqfu fuq it-**tifkiriet**? Mons. Arċisqof fuq il-Fosos (jumejn ilu) stedinna u sfidana ***ma nieqfux fuq it-tifkiriet***, imma nfasslu l-ġejjieni tagħna fuq il-wirt li nsibu f'ħajtu, tifkirietu u kitbietu.

3. Dun Ġorġ jidher quddiemna bħala **persunaġġ kbir** imma **b'figura kumplessa** u minkejja dan ***b'missjoni speċifika u b'viżjoni profetika!***

Ingħidu li hu KARMELITAN għax kien imsieheb fit-Terz' Ordni Karmelitan bl-isem ta PATRI FRANCO.
*Imma jien nirraġuna li Dun Ġorġ sieħeb it-Terz' Ordni Karmelitan għax fil-ġewwieni tiegħu kien ġa hemm imkebbes u jfernaq l-ispirtu Karmelitan.*
Għaliex nirraġuna hekk?
Għax:

Jispikka ħafna fih is-**sens qawwi tal-preżenza ta' Alla**. Iflu sewwa t-talb miktub minnhu; filbiċċa l-kbira tagħhom kollha jibdew bil-kliem *'Sinjur Alla, inti hawn u jiena fik.'* Kollox jgħolli l-ħsieb tiegħu lejn Alla. Bniedem ta' talb u li jgħaddi ħin twil jitlob. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Jisħaq mas-soċi tal- MUSEUM biex ikunu nies li jitolbu u jgħallimhom (u jħarriġhom) jitolbu.

L-ARLOĠĠ MUŻEWMIN (li kien tefgħu taħt il-patroċinju tal-Profeta San Elija Missier u Mexxej ta' l-Ordni Karmelitan). ...eżerċizzju prattiku biex wieħed jidħol spiss fil-preżenza ta' Alla. Hekk wieħed iħoss li hu m'hu xejn quddien Alla u jiddependi għal kollox minnhu. Imma fl-istess ħin dan **Alla kbir** ifittex il-kumpanija tal-bniedem u jitgħaxxaq fiha! Dan **Alla kbir** jitbaxxa fl-Inkarnazzjoni tal-Verb u dan il-Verb Inkarnat isir oġġett ta' mħabba singulari li Dun Ġorġ sawwar fih u fil-membri tal-MUSEUM, u f'ħafna oħrajn, bid-devozzjoi li bena lejn il-*Verbum Dei*. U xi ngħidu għall-purċissjoni tal-Milied!

Kien jinsisti li dan il-Verb Inkarnat ta' Alla għadu ħaj fostna fil-Kelma tiegħu - IL-LEĦEN MAĦBUB, kelma li nistgħu ngħidu li Dun Ġorġ kien jaf bl-amment. Għalih Kristu Ġesù sar IL-KTIEB IL-KBIR, mudell ta' ħajja u li minnhu nitgħallmu kollox. Għandna wkoll f'Dun Ġorġ il-qima kbira li kellu lejn il-Kurċifiss u li quddiemu kien tant jintilef hu u jimmedita din l-imħabba nfinità

ta' alla. Minnu Dun Ġorġ tgħallem il-virtujiet ta' l-umiltà; u l-manswetudni, li tant jispikkaw f'kitbietu u kien jisħaq fuqhom bil-bosta. Fis-SUPPLIKAZZJONIJIET jikteb: *Sinjur Ġesù Kristu, inħares lejk kurċifiss u nara l-pjagi tiegħek miftuħin għall-fidwa tal-bnedmin kollha, nimtela' b'fiduċja kbira li nersaq lejn it-tron tal-grazzja.* Fi tmiem ħajtu - jirrakuntaw is-sorijiet li kienu jieħdu ħsiebu - li darba jeħdulu l-ktieb ta' l-Evanġelju li kien jaqra minnu u jżomm qribu, qaluli "biex ma jegħjiex". Weġibhom: "Negħja!? Qiegħed nitpaxxa bl-Evanġelju ta' Ġesù."

Kemm hemm xebħ f'dan kollu mal-parir tar-Regula tagħna fid-***die ac nocte in lege Domini meditantes!***

Xi ngħidu mbagħad għad-devozzjoni tiegħu lejn Marija Omm Alla. Il-kitbitiet li kiteb f'ġieħha, il-programmi li fassal għall-festi tagħha, l-innijiet li niseġ għad unur tagħha ... kollha jixhdu l-imħabba kbira li kellu lejha. L-istorja ta' kif sar devot tal-Madonna tal-**Parir it-Tajjeb**, l-imħabba tiegħu lejn ir-**Rużarju** [sa nofs il-lejl, il-Verġni Mbierka tibqa' tistenna biex insellmulha bir-Rużarju Mqaddes], hemm ukoll il-**Midalja Mirakuluża** [ ilbes id-domna, u ssib xortik ma' Alla u mal-bnedmin]. U mbagħad, waqt mument diffiċli f'ħajtu, jissieħed fir-Terz'Ordni Karmelitan biex, bħal San Xmun Stock, ifittex il-ħarsien speċjali tal-VERĠNI MBIERKA! Emmen bis-sħiħ fil-qawwa tal-Labtu l-Kannella tal-Karmnu. Sab fih sinjal u mezz ta' salvazzjoni u sar promutur ewlieni fil-gżejjer tagħna tal-Labtu Mqaddes. Ried li wara l-ewwel tqarbina t-tfal jiġu miktuba fil-Labtu tal-Karmnu u xtaq li anki is-soċi.

U nistgħu nibqgħu sejrin!

X'inhu l-messaġġ ta' Dun Ġorġ għall-Karmelitan ta' llum?

1. **Inkunu dak li suppost aħna** ... infittxu li ngħixu fil-preżenza ta' Alla, biex l-għaqda tagħna miegħu issir fina esperjenza kontinwa tiegħu f'ħajjitna u għajn tal-ħidma tagħna għalih.

2. **Inħobbu mill-qalb lil Ġesù Kristu**, infasslu ħajjitna fuqu billi nistudjaw u nħobbu bilħniena tiegħu, nimitaw l-ubbidjenza, l-umiltà u l-manswetudni tiegħu.

3. **Nieħdu lill-Verġni Mbierka b'mudell** u għalhekk inkabbru l-familjarità tagħna magħha, nintelqu f'idejha u nħalluha twassalna għand Ġesù ... il-ġid veru, li lejh tant aħna obbligati u lilu tant għandna bżonn.




Għall-
Induraturi

Deheb ta' l-induratura,
silver lead, aluminium leaf u
l-artikli kollha għall-
induratura



E. THEUMA & COMPANY LTD.

Theuma House, 302 St Paul Street,
Valletta VLT 07, Malta.
Tel: 2123 4075,2123 6605 Fax: 2124 4201

E. Asciak & Sons Limited

For fitted and ready-made
CARPETS, CURTAINS,
MATERIAL, QUILTS,
BEDSPREADS and also
BATHROOM - SETS CARPETS

289, St. Paul Street, Valletta
Tel: 2123 3635
Fax: 2124 6840